MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 396/2011

**Leaf Limited (C-11101)**
**Vs**
**Benat Tradings International Ltd (C-46059)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf sebgha mija u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€1770.41) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx; minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; qed jintalbu ukoll imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness – Dok A – sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata jew rati permessi mill-ligi; bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fid-29 ta’ Ottubru, 2012 mill-Avukat Dott. Victor Axiaq w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf sebgha mija u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€1770.41) u l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness – Dok A – sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------